Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Lulju 2021**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0199(NLE)**

**10780/21**
**ADD 1**

**UD 190**
**COMER 68**
**MED 24**
**WTO 181**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Lulju 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 387 final |
| Suġġett: | ANNESS ta' [...] Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' emenda tal-Protokoll 3 għal dak il-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 387 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 387 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2021
COM(2021) 387 final

ANNEX

**ANNESS**

**ta' [...]**

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' emenda tal-Protokoll 3 għal dak il-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

## ANNESS

**Abbozz**

**DEĊIŻJONI Nru ... TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ĠORDAN**

**dwar**

**l-emenda tal-Protokoll 3 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ĠORDAN,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tal-Protokoll 3 tiegħu dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva,

Billi:

(1) L-Artikolu 28 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), jirreferi għall-Protokoll 3 ta' dak il-Ftehim ("il-Protokoll 3"), li jistabbilixxi r-regoli tal-oriġini.

(2) L-Artikolu 4 tal-Protokoll 3 jipprovdi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Artikolu 89 tal-Ftehim jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 3.

(3) Il-Protokoll 3 fih rabta dinamika mal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ("il-Konvenzjoni PEM") li se tagħmilha applikabbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġordan u r-regoli tranżizzjonali li se japplikaw bħala sett alternattiv ta' regoli għal dawk tal-Konvenzjoni PEM attwali mill-1 ta' Settembru 2021.

(4) Bħala parti mill-appoġġ tal-Unjoni għall-Ġordan fil-kuntest tal-kriżi tar-refuġjati Sirjani, l-Unjoni u l-Ġordan qablu b'mod konġunt f'Lulju 2016 li temporanjament jirrilassaw ir-regoli tal-oriġini li japplikaw għall-esportazzjonijiet ta' prodotti Ġordaniżi lejn l-Unjoni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan.

(5) Id-Deċiżjoni 1/2016[1] tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan tad-19 ta' Lulju 2016 emendat id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 3 għall-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u ssupplimentat il-lista ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ li jrid jitwettaq fuq materjali mhux oriġinarji sabiex ċerti kategoriji ta' prodotti, manifatturati fit-territorju tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, marbuta mal-ħolqien ta' impjiegi għal refuġjati Sirjani u Ġordaniżi, jiksbu status oriġinarju.

(6) F'Diċembru 2017 il-Ġordan ippreżenta l-ewwel rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-iskema tar-regoli tal-oriġini u għamel għadd ta' talbiet għal aktar laxkar tar-rekwiżiti. F'Diċembru 2018, bħala riżultat tal-eżami tat-talbiet tal-Ġordan, il-Kunsill, f'isem l-Unjoni, qies li huwa iġġustifikat li jaqbel ma' flessibilitajiet addizzjonali tal-iskema tar-regoli tal-oriġini, notevolment fejn jikkonċerna l-abbandun tar-rekwiżit taż-żoni, li joħloq rekwiżit għall-forza tax-xogħol Sirjana fil-livell ta' 15 % tal-forza tax-xogħol totali tul is-skema għal kull faċilità ta' produzzjoni, li jestendi l-validità ta' din l-iskema sal-31 ta' Diċembru 2030.

(7) Id-Deċiżjoni 1/2018[2] tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan emendat ulterjorment id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 3 li jistabbilixxi flessibbiltajiet addizzjonali u jestendi l-validità tal-iskema sal-31 ta' Diċembru 2030. Dik id-Deċiżjoni daħlet fis-seħħ fl-It-Tlieta, 4 ta' Diċembru 2018.

(8) Biex tinżamm l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 1/2016 u tad-Deċiżjoni 1/2018 u biex dawn jintrabtu mar-regoli tal-oriġini applikabbli l-ġodda wara l-1 ta' Settembru 2021, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan, peress li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li temenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 3 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-lista ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ li jrid isir fuq materjali mhux oriġinarji sabiex ċerti kategoriji ta' prodotti, manifatturati fit-territorju tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, u konnessi mal-Ġordan mal-ħolqien ta' impjiegi għar-refuġjati Sirjani u l-Ġordaniżi, jiksbu status oriġinarju, se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.

(9) L-applikazzjoni tal-Anness għall-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn monitoraġġ xieraq u obbligi ta' rapportar, u għandu jkun possibbli li tiġi sospiża l-applikazzjoni tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jekk il-

[1] ĠU L 233, 30.08.2016, p. 6
[2] ĠU L 9, 11.1.2019, p. 147

kundizzjonijiet ma jibqgħux jiġu ssodisfati jew jekk il-kundizzjonijiet għall-miżuri ta' salvagwardja jiġu ssodisfati.

(10) Emenda tal-Protokoll 3 hija meħtieġa biex jinżamm ir-reġim tar-regoli simplifikati tal-oriġini billi torbot dawn ir-regoli mar-regoli tal-oriġini l-ġodda applikabbli tal-Protokoll 3, kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni 1/2021 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan.

(11) Il-Protokoll 3 jenħtieġ għalhekk jiġi emendat billi jiżdied Appendiċi B li jkun fih lista addizzjonali ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ li jsir fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat jikseb status oriġinarju,

(12) [Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 1/2016 u d-Deċiżjoni 1/2018 u b'hekk jiġi evitat telf ekonomiku għall-esportaturi awtorizzati skont id-Deċiżjoni 1/2016 tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan tad-19 ta' Lulju 2016, huwa xieraq li din id-Deċiżjoni tiġi applikata b'mod retroattiv, mill-1 ta' Settembru 2021, biex tiġi żgurata l-kontinwità legali tal-miżura ta' deroga.]

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Protokoll 3 tal-Ftehim għandu jiġi emendat billi jiżdied Appendiċi B, li jkun fih il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni u l-lista ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ li jsir fuq materjali mhux oriġinarji sabiex il-prodott manifatturat fil-Ġordan marbut mal-impjieg addizzjonali ta' refuġjati Sirjani jikseb status oriġinarju, kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

L-Appendiċi B tal-Protokoll 3 għall-Ftehim għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2030.

2. [Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-provi tal-oriġini jistgħu jinħarġu b'mod retrospettiv għall-esportazzjonijiet imwettqa bejn l-1 ta' Settembru 2021 u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.]

*Artikolu 2*

L-Anness huwa parti integrali minn din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Settembru 2021.

Magħmul fi…

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni*

*Il-President*

# ANNESS

**Appendiċi B**

ADDENDUM GĦAL-LISTA TA' ĦIDMA JEW IPPROĊESSAR LI HUWA MEĦTIEĠ LI JSIR FUQ MATERJALI LI MHUMIEX ORIĠINARJI BIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT IKUN JISTA' JIKSEB STATUS ORIĠINARJU

*Artikolu 1*

***Dispożizzjonijiet komuni***

A. *Definizzjoni ta' oriġini*

1. Għall-prodotti elenkati fl-Artikolu 2 ta' dan l-Appendiċi, ir-regoli li ġejjin jistgħu japplikaw ukoll minflok ir-regoli stabbiliti fl-Anness II tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 tal-Protokoll 3 sakemm tali prodotti jirrispettaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-ħidma jew l-ipproċessar meħtieġ li għandhom jitwettqu fuq materjal mhux oriġinarju sabiex prodotti bħal dawn ikunu jistgħu jiksbu status oriġinarju jsiru f'faċilitajiet ta' produzzjoni li jinsabu fit-territorju tal-Ġordan; kif ukoll

(b) il-forza tax-xogħol totali ta' kull faċilità ta' produzzjoni li tinsab fit-territorju tal-Ġordan fejn jinħadmu jew jiġu pproċessati tali prodotti tinkludi proporzjon ta' refuġjati Sirjani ekwivalenti għal mill-inqas 15 % (ikkalkulat individwalment għal kull faċilità ta' produzzjoni).

2. Il-proporzjon rilevanti skont il-paragrafu 1(b) ta’ dan l-Artikolu għandu jiġi kkalkulat fi kwalunkwe punt wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Appendiċi u fuq bażi annwali minn hemm 'il quddiem meta jitqies l-għadd ta' refuġjati Sirjani li huma impjegati f'impjiegi deċenti u formali u fuq bażi ekwivalenti għal full-time, u li rċevew permess ta' xogħol validu għal perijodu minimu ta' 12-il xahar skont il-liġi applikabbli tal-Ġordan.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Ġordan għandhom jissorveljaw li l-faċilitajiet ta' produzzjoni eliġibbli jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, għandhom jagħtu lill-faċilitajiet ta' produzzjoni li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet numru ta' awtorizzazzjoni u għandhom jirtiraw minnufih tali numru ta' awtorizzazzjoni meta l-faċilitajiet ta' produzzjoni ma jibqgħux jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet.

*B. Prova tal-oriġini*

4. Prova tal-oriġini maħruġa skont dan l-Appendiċi għandu jkollha waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin li ġejja bl-Ingliż: Deroga - Appendiċi B tal-Protokoll 3 - [numru tal-awtorizzazzjoni mogħti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ġordan]”

C. *Kooperazzjoni amministrattiva*

5. Meta, f'konformità mal-Artikolu 32(5) tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll, l-awtoritajiet doganali tal-Ġordan jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea jew lill-awtoritajiet doganali rikjedenti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (l-"Istati Membri") bir-riżultati tal-verifika, huma għandhom jispeċifikaw li l-prodotti elenkati fl-Artikolu 2 jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

6. Meta l-proċedura ta' verifika jew kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli tidher li tindika li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu mhumiex issodisfati, il-Ġordan għandu, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea jew l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, iwettaq inkjesti xierqa jew jirranġa sabiex dawn l-inkjesti jitwettqu b'urġenza dovuta sabiex jiġi identifikat u evitat dan it tip ta' ksur. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni Ewropea jew l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fl-inkjesti.

*D. Rapport, monitoraġġ u rieżami*

7. Kull sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Appendiċi, il-Ġordan għandu jippreżenta rapport lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-operat u l-effetti ta' dan l-Appendiċi, inkluża l-istatistika tal-produzzjoni u tal-esportazzjoni fil-livell ta' 8 ċifri jew l-ogħla livell ta' dettall disponibbli għall-prodotti koperti mill-iskema. Il-Ġordan għandu jippreżenta wkoll lista li tidentifika l-faċilitajiet ta' produzzjoni fil-Ġordan u li tispeċifika l-perċentwal ta' refuġjati Sirjani li huma impjegati f'kull faċilità ta' produzzjoni individwali fuq bażi ta' sena b'sena. Il-Ġordan għandu jirrapporta wkoll, fuq bażi ta' kull tliet xhur, in-numru totali ta' permessi attivi tax-xogħol jew mezzi oħra li jistgħu jitkejlu li jikkorrispondu għal impjiegi legali u attivi stabbiliti mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni. Il-Partijiet għandhom flimkien jirrieżaminaw dawn ir-rapporti u kwalunkwe kwistjoni marbuta mal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' dan l-Appendiċi fi ħdan il-korpi stabbilit bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u b'mod partikolari fis-Sottokumitat dwar l-Industrija, il-Kummerċ u s-Servizzi. Il-Partijiet għandhom jiżguraw ukoll l-involviment ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u l-Bank Dinji fil-proċess ta' monitoraġġ.

8. Ladarba l-Ġordan jikseb il-mira tiegħu li jiffaċilita parteċipazzjoni akbar ta' refuġjati Sirjani fis-suq formali tax-xogħol billi joħroġ mill-inqas 60 000 permess attiv tax-xogħol, jew mezzi oħra li jistgħu jitkejlu li jikkorrispondu għal impjieg legali u attiv stabbilit mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, lir-refuġjati Sirjani, il-Partijiet għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Appendiċi għall-prodotti kollha koperti minn dan l-Appendiċi mingħajr ir-rekwiżit li jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fis-subparagrafu 1(b) ta’ dan l-Artikolu.

9. Jekk l-Unjoni tqis li m'hemmx biżżejjed provi li l-Ġordan jikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 8, l-Unjoni tista' tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni. Jekk il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jonqos milli jiddikjara fi żmien 90 jum mir-riferiment tal-kwistjoni li l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 8 huma ssodisfati jew milli jemenda dan l-Appendiċi, l-Unjoni tista' tiddeċiedi li għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fis-subparagrafu 1(b) ta’ dan l-Artikolu.

*E.* *Sospensjoni temporanja*

10. (a) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 8 u 9 ta’ dan l-Artikolu, l-Unjoni tista' tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, jekk tqis li m'hemmx biżżejjed provi li l-Ġordan jew kwalunkwe faċilità speċifika li tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta’ dan l-Artikolu. Dik ir-referenza għandha tidentifika jekk in-nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu huwiex attribwibbli lill-Ġordan jew kwalunkwe faċilità speċifika ta' produzzjoni.

(b) Jekk il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jonqos milli jiddikjara fi żmien 90 jum mir-riferiment tal-kwistjoni li l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu huma ssodisfati jew milli jemenda dan l-Appendiċi, l-applikazzjoni ta' dan l-Appendiċi għandha tiġi sospiża. It-tul tas-sospensjoni għandu jkun dak identifikat fir-riferiment tal-Unjoni lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

(c) Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi wkoll li jestendi l-perijodu ta' 90 jum. F'dak il-każ is-sospensjoni għandha ssir effettiva meta l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkun naqas milli jieħu kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet identifikati fil-punt (b) matul il-perijodu estiż ta' żmien.

(d) L-applikazzjoni ta' dan l-Appendiċi tista' terġa' tibda jekk il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jiddeċiedi hekk.

(e) F'każ ta' sospensjoni, dan l-Appendiċi għandu jkompli japplika għal perijodu ta' erba' xhur b'rabta ma' prodotti li huma, fid-data ta' sospensjoni temporanja tal-Appendiċi, jew fi tranżitu jew inkella f'ħażna temporanja f'imħażen doganali jew f'żoni ħielsa fl-Unjoni, u li għaliha tkun saret il-prova tal-oriġini korrettament skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Appendiċi qabel id-data tas-sospensjoni temporanja.

F. *Mekkaniżmu ta' salvagwardja*

11. Meta prodott elenkat fl-Artikolu 2 li jibbenefika mill-applikazzjoni ta' dan l-Appendiċi jiġi importat fi kwantitajiet daqstant ikbar u b'kundizzjonijiet tali li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, danni serji għal produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jikkompetu direttament fit-territorju kollu tal-Unjoni jew parti minnu jew jikkawżaw disturbi serji f'xi qasam tal-ekonomija tal-Unjoni, skont l-Artikoli 24 u 26 tal-Ftehim, l-Unjoni tista' tirreferi l-kwistjoni għal stħarriġ li jsir mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni. Jekk fi żmien 90 jum wara li l-kwistjoni tkun ġiet riferita lilu, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jonqos milli jadotta deċiżjoni li ttemm tali dannu serju jew theddida ta' dannu serju jew disturbi serji jew jekk ma tkun instabet ebda soluzzjoni sodisfaċenti, l-applikazzjoni ta' dan l-Appendiċi għandha tiġi sospiża fir-rigward ta' dak il-prodott, sakemm il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jadotta deċiżjoni li tiddikjara li jkunu temmew jew sakemm tkun intlaħqet soluzzjoni sodisfaċenti mill-Partijiet u jiġi nnotifikat lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

G. *Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

12. Dan l-Appendiċi għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li tkun marbuta miegħu u għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2030.

*Artikolu 2*

***Lista ta' prodotti u ta' ħidma u pproċessar meħtieġa***

Il-lista ta' prodotti li għalihom japplika dan l-Appendiċi u r-regoli ta' ħidma u pproċessar li jistgħu jiġu applikati bħala alternattiva għal dawk elenkati fl-Anness II tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fl-Artikolu 1, paragrafu 1 tal-Protokoll 3 huma stabbiliti hawn taħt.

L-Anness II tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim li fih in-noti introduttorji għal-lista fl-Anness II tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji kif imsemmi fl-Artikolu 1, paragrafu 1 tal-Protokoll 3 tal-Ftehim japplika *mutatis mutandis* għal-lista ta' hawn taħt, soġġett għall-emendi li ġejjin:

Fin-Nota 5.2, il-materjali bażiċi li ġejjin jiddaħħlu fit-tieni paragrafu:

– il-fibri tal-ħġieġ;
– fibri tal-metall.

Fin-Nota 7.3, it-test huwa sostitwit b'dan li ġej:

Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707 u 2713, operazzjonijiet sempliċi, bħat-tindif, id-dekantar, it-tneħħija tal-melħ, is-separazzjoni tal-ilma, l-iffiltrar, l-ikkulurar, l-immarkar, il-kisba ta' kontenut ta' kubrit b'riżultat tat-tħallit ta' prodotti ma' kontenuti differenti ta' kubrit, jew kwalunkwe taħlita ta' dawn l-operazzjonijiet jew oħrajn simili, ma jagħtux l-oriġini.

| | | |
|---|---|---|
| ex Kapitolu 25 | Melħ; kubrit; ħamrija u ġebel; materjali tal-kisi, ġir u siment; ħlief għal: | Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott<br>jew<br>manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika. |
| ex 2519 | Karbonat ta' manjesju naturali mfarrak (magnesite), f'kontenituri ssiġillati b'mod ermetiku, u ossidu tal-manjesju, kemm jekk pur jew le, minbarra manjesja fuża jew manjesja kkalċinata (sinterizzata). | Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Madankollu, karbonat tal-manjeżju naturali (magneżite) jista’ jintuża. |
| ex Kapitolu 27 | Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xema’ minerali; għajr: | Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott<br>jew<br>manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika. |
| ex 2707 | Żjut li l-piż tal-kostitwenti aromatiċi tagħhom jeċċedi l-kostitwenti non-aromatiċi, billi jkunu żjut simili għal żjut minerali miksuba billi jiġi ddistillat faħam tal-qatran f'temperatura għolja li minnu aktar minn 65 % bil-volum jiddistilla f'temperatura sa 250 °C (li jinkludi taħlita ta' spirti tal-petroleum u benzole) biex jintużaw għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija jew karburanti għat-tisħin. | Operazzjonijiet ta' raffinerija u/jew proċess(i) speċifiku/speċifiċi[3]<br>jew<br>operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali tal-istess titolu tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika. |
| 2710 | Żjut minerali (petroleum) u żjut miksubin minn minerali bituminużi, ħlief dawk mhux raffinati; preparati li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra, li fihom skont il-piż 70 % jew aktar żjut tal-petroleum jew żjut miksubin mill-materjali bituminużi, meta dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparati; żjut tal-iskart. | Operazzjonijiet ta' raffinerija u/jew proċess(i) speċifiku/speċifiċi[4]<br>jew<br>operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali tal-istess titolu tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika. |

[3] Għall-kundizzjonijiet speċjali relatati mal-"proċessi speċifiċi", ara n-Noti ta' Introduzzjoni 7.1 u 7.3.
[4] Għall-kundizzjonijiet speċjali relatati mal-"proċessi speċifiċi", ara n-Nota ta' Introduzzjoni 7.2.

| | | |
|---|---|---|
| 2711 | Gassijiet tal-petroleum u idrokarburanti gassużi oħra. | Operazzjonijiet ta' raffinerija u/jew proċess(i) speċifiku/speċifiċi<br>jew<br>operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali tal-istess titolu tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika. |
| 2712 | Važelina; xama' bajda, xama' tal-petroleum mikrokristallina, slack wax, ożoċerit, xama' tal-linjite, xama' tal-peat, xemgħat oħrajn minerali, u prodotti simili miksubin b'sinteżi jew bi proċessi oħrajn, kemm jekk ikkuluriti u kemm jekk le. | Operazzjonijiet ta' raffinar u / jew proċess speċifiku wieħed jew iktar[2]<br>jew<br>operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali tal-istess titolu tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika. |
| 2713 | Petroleum coke, bitumen tal-petroleum u residwi oħra ta' żjut tal-petroleum jew ta' żjut miksuba minn materjali bituminużi. | Operazzjonijiet ta' raffinar u / jew proċess speċifiku wieħed jew iktar[1]<br>jew<br>operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali tal-istess titolu tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika. |
| ex Kapitolu 28 | Sustanzi kimiċi inorganiċi; komposti organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' elementi kimiċi metalliċi rari (rare-earth metals), ta' elementi radjoattivi jew ta' isotopi; ħlief għal: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika. |
| ex 2811 | Trijossidu tas-sulfur; kif ukoll | Manifattura mid-diossidu tal-kubrit<br>jew<br>manifattura li fiha l-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika |
| ex 2840 | Perborat tas-sodju; | Manifattura mill-pentaidrat tetraborat tad-disodju<br>jew<br>manifattura li fiha l-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika |

| | | |
|---|---|---|
| 2843 | Metalli prezzjużi kollojdali; komposti inorganiċi jew organiċi tal-metalli prezzjużi, kemm jekk kimikament definiti jew le; amalgami tal-metalli prezzjużi | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-intestatura 2843. |
| ex 2852 | - Komposti tal-merkurju ta' eteri interni u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom. | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha użati tat-titlu 2909 ma għandux jaqbeż l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>manifattura li fiha l-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx l-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika |
| | - Komposti tal-merkurju ta' aċidi nuklejċi u l-imluħa tagħhom, kemm jekk iddefiniti kimikament u kemm jekk le; komposti eteroċikliċi oħrajn. | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha użati tal-intestaturi 2852, 2932, 2933 u 2934 ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika. |
| ex Kapitolu 29 | Sustanzi kimiċi organiċi; ħlief għal: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika. |
| ex 2905 | Alkoħolati tal-metall tal-alkoħol ta' din l-intestatura u tal-etanol; ħlief għal: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-intestatura 2905. Madankollu, materjali oħra ta' dan it-titlu jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodotti mill-fabbrika. |
| 2905 43;<br>2905 44;<br>2905 45 | Mannite; D-glucitol (sorbitol); Gliċerina | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe sottointestatura, ħlief dik tal-prodott. Madankollu, materjali tal-istess sottointestatura bħall-prodott jistgħu jintużaw, kemm-il darba l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |

| | | |
|---|---|---|
| 2915 | Aċidi monokarbossiliċi aċikliċi saturati u l-anidridi, l-alidi, il-perossidi u l-perossiaċidi tagħhom; id-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha użati tal-intestaturi 2915 u 2916 ma għandux jaqbeż l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex 2932 | – Eteri interni u d-derivattivi ħaloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha użati tat-titlu 2909 ma għandux jaqbeż l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| | – Aċetali u emiaċetali interni ċikliċi u d-derivattivi ħaloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| 2933 | Komposti eteroċikliċi b'etero-atomu(i) ta' nitroġenu biss | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha użati tal-intestaturi 2932 u 2933 ma għandux jaqbeż l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| 2934 | Aċidi nukleiċi u l-imluħ tagħhom, kemm jekk ikunu definiti kimikament u kemm jekk le; komposti eteroċikliċi oħra | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha użati tat-titli 2932, 2933 u 2934 ma għandux jaqbeż l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| Kapitolu 31 | Fertilizzanti | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |

| | | |
|---|---|---|
| Kapitolu 32 | Estratti għall-ikkunzar jew għaż-żbigħ; tannini u derivattivi tagħhom; koloranti, pigmenti u sustanzi kuloranti oħra; żebgħa u verniċ; stokk u mastiċi oħra; linek | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex Kapitolu 33 | Żjut essenzjali u reżinojdi; preparazzjonijiet ta' fwejjaħ, kosmetiċi jew tat-twaletta; ħlief għal: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex 3301 | Żjut essenzjali (mingħajr terpene jew bit-terpene), inklużi l-konkreti u l-assoluti; reżinojdi; oleoressini estratti; konċentrati ta' żjut essenzjali fix-xaħam, fi żjut fissi, fix-xemgħa jew hekk, magħmulin permezz ta' enfleurage jew maċerazzjoni; prodotti sekondarji terpeniċi tad-deterpenazzjoni ta' żjut essenzjali; distillati akwei u soluzzjonijiet akwei ta' żjut essenzjali. | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali ta' "grupp" differenti [5]ta' din l-intestatura. Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titlu, inklużi materjali ta' "grupp" differenti f'dan it-titlu Madankollu, materjali tal-istess grupp tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex Kapitolu 34 | Sapun, aġenti organiċi li jaġixxu fuq il-proprjetajiet li jxarrbu (surface-active), preparazzjonijiet għal ħasil, preparazzjonijiet għal lubrikar, xemgħat artifiċjali, xemgħat ippreparati, preparazzjonijiet għal lostrar jew għal għorik, xemgħat u oġġetti simili, pasta għal mudellar, xemgħat dentali (dental waxes) u preparazzjonijiet dentali b'bażi ta' ġibs għajr għal: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex 3404 | Xemgħat artifiċjali u xemgħat ippreparati:<br>– B'bażi ta' paraffin, xema' tal-petroleum, xema' miksuba minn minerali bituminużi, xema' minn taħlita ta' żejt u xema' (slack) jew minn taħlita li fiha inqas żejt (scale) | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura |

5 "Grupp" hu meqjus bħala kwalunkwe parti tal-intestatura separata mill-bqija b'punt u virgola.

| | | |
|---|---|---|
| Kapitolu 35 | Sustanzi albuminojdali; lamti modifikati; kolol; enzimi | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, fejn il-valur tal-materjali kollha ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott |
| Kapitolu 37 | Oġġetti fotografiċi jew ċinematografiċi | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex Kapitolu 38 | Prodotti kimiċi mixxellanji; ħlief għal: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Madankollu, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex 3803 | Żejt tat-tall raffinat | Raffinar ta' tall oil mhux raffinat<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex 3805 | Terpentina tas-sulfat, ippurifikata | Purifikazzjoni permezz tad-distillazzjoni jew tar-raffinar tat-terpentina tas-sulfat, mhux raffinata<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| 3806 30 | Gomom esteri | Manifattura minn aċidi tar-raża<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex 3807 | Żift veġetali (qatran taż-żift veġetali) | Distillazzjoni taż-żift veġetali<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |

| | | |
|---|---|---|
| 3809 10 | Aġenti għall-finitura, aċċelleranti taż-żebgħa jew tal-iffissar tal-koloranti u prodotti u preparati oħrajn (eż. dressings u mordenti), ta' tip użati fl-industriji tat-tessuti, tal-karta, tal-ġilda jew bħalhom, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra: B'bażi ta' sustanzi amilaċeużi | Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| 3823 | Aċti aċikliċi monokarboksiliċi industrijali; żjut tal-aċidu mir-raffinar; alkoħoli xaħmin industrijali | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħrajn tal-intestatura 3823<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| 3824 60 | Sorbitol minbarra dak tas-subintestatura 2905 44 | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe subintestatura, ħlief dik tal-prodott u except materjali of subintestatura 2905 44. Madankollu, materjali tal-istess subintestatura bħall-prodott jistgħu jintużaw, kemm-il darba l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-20 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex Kapitolu 39 | Plastiks u oġġetti tagħhom; ħlief għal: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott.<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex 3907 | - Kopolimer, magħmul minn polikarbur u kopolimer akrilonitril-butadjen-stiren (ABS) | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika[6]<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |

6 Fil-każ ta' prodotti komposti minn materjali klassifikati fl-intestaturi 3901 sa 3906, minn banda waħda, u fl-intestaturi 3907 sa 3911, mill-banda l-oħra, din ir-restrizzjoni tapplika biss għal dak il-grupp ta' materjali li jiddomina bil-piż il-prodott.

| | | |
|---|---|---|
| | – Poliester | Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott<br>jew<br>Manifattura minn polikarbur ta' tetrabromo-(bisfenol A)<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex 3920 | Folja jew film jonomera | Manifattura minn melħ parzjalment termoplastiku li hu kopolimeru tal-etilen u l-aċidu metakriliku parzjalment newtralizzat bil-joni tal-metall, prinċipalment taż-żingu u tas-sodju<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex 3921 | Fojls tal-plastik, metalizzati | Manifattura minn fuljetti tal-polijester trasparenti ħafna bi ħxuna ta’ anqas minn 23 mikron[7]<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex Kapitolu 40 | Lastku u oġġetti minnu; ħlief għal: | Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| 4012 | tajers miksijin mill-ġdid (retreaded) jew tajers pnewmatiċi użati tal-gomma; tajers solidi jew vojta (cushion), uċuħ (treads) ta’ tajers u flaps ta’ tajers, ta’ gomma: | |
| | – Tajers pnewmatiċi, miksijin mill-ġdid (retreaded), solidi jew vojta, tal-lastku | Tajers użati miksijin mill-ġdid (retreaded) |
| | – Oħrajn | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dawk tal-intestatura 4011 u 4012<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |

[7] Il-fojls li ġejjin għandhom jitqiesu bħala trasparenti ħafna: fojls, li l-optical dimming tagħhom, imkejjel skont l-ASTM-D 1003-16 ta’ Gardner Hazemeter (i.e. Hazefactor), huwa inqas minn 2 %.

| | | |
|---|---|---|
| ex Kapitolu 41 | Ġild mhux ikkunzat (għajr ġild tal-fer) u ġild ikkunzat; ħlief għal: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott |
| 4101 sa 4103 | Ġlud mhux maħdumin ta' bhejjem tal-ifrat (inkluż buflu) jew annimali ekwini (friski, jew immellħin, imnixxfin, trattati bil-ġir, imnaddfin jew ippreparati mod ieħor, iżda mhux ikkunzati, mħejjijin għal parċmina jew ippreparati aktar), bix-xagħar imneħħi jew maqsumin jew le; ġlud mhux maħdumin ta' nagħaġ jew ħrief (friski, jew immellħin, imnixxfin, trattati bil-ġir, imnaddfin jew ippreparati mod ieħor, iżda mhux ikkunzati, imħejjijin għal parċmina jew ippreparati aktar), bis-suf imneħħi jew maqsumin jew le, ħlief dawk esklużi fin-nota 1(c) tal-Kapitolu 41; ġlud mhux maħdumin oħrajn (friski, jew immellħin, imnixxfin, trattati bil-ġir, imnaddfin jew ippreparati mod ieħor, iżda mhux ikkunzati, imħejjijin għal parċmina jew ippreparati aktar), bix-xagħar imneħħi jew maqsumin jew le, ħlief dawk imħollijin barra bin-nota 1(b) jew 1(c) tal-Kapitolu 41 | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura |
| 4104 sa 4106 | Ġlud ikkunzati jew magħmulin qoxra ta' bhejjem tal-ifrat (inkluż buflu) jew annimali ekwini, mingħajr xagħar, maqsumin jew le, iżda mhux ippreparati aktar | Ikkunzar mill-ġdid ta' ġlud ħoxnin u ġlud ikkunzati jew ikkunzati minn qabel tas-subintestaturi 4104 11, 4104 19, 4105 10, 4106 21, 4106 31 jew 4106 91,<br>jew<br>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott |
| 4107, 4112, 4113, 1991 | Ġilda ppreparata aktar wara li tkun ikkunzata jew magħmula qoxra | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Madankollu, materjali tas-subintestaturi 4104 41, 4104 49, 4105 30, 4106 22, 4106 32 u 4106 92 jistgħu jintużaw biss jekk isseħħ operazzjoni ta' kkunzar mill-ġdid tal-ġlud ħoxnin jew il-ġlud ikkunzati jew bil-qoxra fl-istat xott |
| Kapitolu 42 | Artikoli tal-ġilda; sillarija u arnes; oġġetti għas-safar, handbags u kontenituri simili; oġġetti magħmulin mill-imsaren tal-annimali (minbarra l-imsaren tad-dudu tal-ħarir) | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |

| | | |
|---|---|---|
| ex Kapitolu 43 | Ġild tal-fer u fer artifiċjali; manifatturi minnhom; ħlief għal: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| 4301 | Ferijiet mhux maħdumin (bl-irjus, dnub, saqajn u bċejjeċ jew qatgħat oħrajn, tajbin għal użu ta' min jaħdem il-fer), ħlief ġlud mhux maħdumin tal-intestatura 4101, 4102 jew 4103 | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura |
| ex 4302 | Ġlud tal-fer ikkunzati jew imnaddfin, magħqudin: | |
| | – Pjanċi, slaleb u forom simili | Skulurizzazzjoni jew l-għoti tal-kulur, minbarra qtugħ u mmuntar ta' ġlud tal-fer ikkunzati jew imlibbsin immuntati |
| | – Oħrajn | Manifattura minn ġlud tal-fer mhux immunitati, ikkunzati jew imlibbsin |
| 4303 | Oġġetti ta' ħwejjeġ, aċċessorji ta' lbies u oġġetti oħrajn tal-fer | Manifattura minn ġlud tal-fer ikkunzati jew imlibbsin mhux magħqudin tal-intestatura 4302 |
| ex Kapitolu 44 | Injam u oġġetti tal-injam; faħam tal-injam; ħlief għal: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma għandux jaqbeż it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika |
| ex 4407 | Injam isserrat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf, ta' ħxuna iktar minn 6 mm | Inċanar, xkatlar jew ġunzjoni tat-truf |
| ex 4408 | Folji għall-fuljetta (inklużi dawk magħmulin bit-tiflil tal-injam laminat) għat-triplaj, mhux eħxen minn 6 mm, jew għal injam simili laminat u njam ieħor, isserrat mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat jew impallelat jew imminċottat fit-truf | Impallelatura, inċanar, xkatlar jew imminċottat |
| ex 4410 sa ex 4413 | Bsaten u gwarniċi, inkluż zokklu ffurmat u twavel oħra ffurmati | Bsaten jew gwarniċi |

| | | |
|---|---|---|
| ex 4415 | Kontenituri għal ippakkjar, kaxxi, ċestuni, tnabar u kontenituri simili ta' njam | Manifattura mit-twavel mhux maqtugħin tal-qies |
| ex 4418 | – Xogħol ta' injam għal benneja | Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Madankollu, jistgħu jintużaw pannelli tal-injam ċellulari, għuda u shakes |
| | – Bsaten jew gwarniċi | Bsaten jew gwarniċi |
| ex 4421 | Laqx għas-sufarini; kavilji jew pinnijiet tal-injam għaż-żraben | Manifattura minn injam ta’ kwalunkwe intestatura, għajr l-injam mislut tal-intestatura 4409 |
| ex Kapitolu 51 | Suf, xagħar tal-annimali fin jew grezz; ħjut tax-xagħar taż-żiemel u drappijiet minsuġa; ħlief għal: | Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott |
| 5106 sa 5110 | Ħjut ta' suf, ta' xagħar fin jew aħrax ta' annimali jew ta' krin | Għażil ta’ fibri naturali jew estrużjoni ta’ fibri magħmula mill-bniedem flimkien ma’ għażil[8] |
| 5111 sa 5113 | Drappijiet minsuġin ta' suf, ta' xagħar fin jew aħrax ta' annimali jew ta' krin: | Insiġ[6]<br>jew<br>Stampar akkumpanjat b’minn tal-inqas żewġ operazzjonijiet preparatorji jew ta’ finishing (bħal għorik, ibbliċjar, illostrar, issettjar bis-sħana, raising, mogħdija, proċessar biex ma jinxtorbux, iffinixjar permanenti, decatizing, impregnating, tiswija u tislit) sakemm il-valur tat-tessut mhux stampat użat ma jaqbiżx is-47,5 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott |
| ex Kapitolu 52 | Qoton (tajjar); ħlief għal: | Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott |
| 5204 sa 5207 | Drappijiet minsuġin tal-qoton | Għażil ta’ fibri naturali jew estrużjoni ta’ fibri magħmula mill-bniedem flimkien ma’ għażil[6] |
| 5208 sa 5212 | Drappijiet minsuġin tal-qoton: | Insiġ[6]<br>jew<br>Stampar akkumpanjat b’minn tal-inqas żewġ operazzjonijiet preparatorji jew ta’ finishing (bħal għorik, ibbliċjar, illostrar, issettjar bis-sħana, raising, mogħdija, proċessar biex ma jinxtorbux, iffinixjar permanenti, decatizing, impregnating, tiswija u tislit) sakemm il-valur tat-tessut mhux stampat użat ma jaqbiżx is-47,5 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott |
| ex Kapitolu 53 | Fibri veġetali tad-drapp oħra; ħjut tal-karta u drappijiet minsuġin tal-ħjut tal-karta; ħlief għal: | Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott |

---

[8] Għal kundizzjonijiet speċjali relatati ma' prodotti magħmulin minn taħlita ta' materjali tessili, ara n-Nota Introduttorja 5.

| | | |
|---|---|---|
| 5306 sa 5308 | Raden ta' fibri tessili veġetali oħrajn; ħjut tal-karta | Għażil ta' fibri naturali jew estrużjoni ta' fibri magħmula mill-bniedem flimkien ma' għażil[6] |
| 5309 sa 5311 | Drappijiet minsuġin ta' fibri veġetali tad-drapp oħra; drappijiet minsuġin mir-raden tal-karta: | Insiġ[6]<br>Stampar akkumpanjat b'minn tal-inqas żewġ operazzjonijiet preparatorji jew ta' finishing (bħal għorik, ibbliċjar, illostrar, issettjar bis-sħana, raising, mogħdija, proċessar biex ma jinxtorbux, iffinixjar permanenti, decatizing, impregnating, tiswija u tislit) sakemm il-valur tat-tessut mhux stampat użat ma jaqbiżx is-47,5 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott |
| 5401 sa 5406 | Ħjut, monofilamenti u ħjut minn filamenti magħmulin mill-bniedem | Estrużjoni ta' fibri magħmula mill-bniedem flimkien ma' brim jew brim ta' fibri naturali[6] |
| 5407 u 5408 | Drappijiet minsuġa minn filament tal-ħajt: | Insiġ[6]<br>jew<br>Stampar akkumpanjat b'minn tal-inqas żewġ operazzjonijiet preparatorji jew ta' finishing (bħal għorik, ibbliċjar, illostrar, issettjar bis-sħana, raising, mogħdija, proċessar biex ma jinxtorbux, iffinixjar permanenti, decatizing, impregnating, tiswija u tislit) sakemm il-valur tat-tessut mhux stampat użat ma jaqbiżx is-47,5 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott |
| 5501 sa 5507 | Fibri magħmulin mill-bniedem ta' qisien ta' qosor predeterminat (staple) | Estrużjoni ta' fibri magħmulin mill-bniedem |
